II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1505

tas-16 ta' Ottubru 2020

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fis-Sirja, u meta jitqiesu l-ħatriet ministerjali reċenti, jenħtieġ li jiżdiedu seba' persuni mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012. L-informazzjoni relatata ma' 18-il persuna li tinsab fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 jenħtieġ li tiġi aġġornata.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 36/2012 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH

([1]) ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.

ANNESS

I. Il-persuni li ġejjin jiżdiedu mal-lista li tinsab fit-Taqsima A (“Persuni”) tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012:

	Isem	Informazzjoni ta’ identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
“296.	Talal AL-BARAZI (magħruf ukoll bħala Barazi) (طلال البرازي)	Data tat-twelid: 1963; Post tat-twelid: Il-belt ta’ Hama, is-Sirja; Sess: Raġel	Ministru għall-Kummerċ Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur. Maħtur f’Mejju 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2020
297.	Loubana MOUCHAWEH (لبانة مشوّح)	Data tat-twelid: 1955; Post tat-twelid: Damasku, is-Sirja; Sess: Mara	Ministru għall-Kultura. Maħtura f’Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, tikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2020
298.	Darem TABA’A (دارم طباع)	Data tat-twelid: 1958; Post tat-twelid: Damasku, is-Sirja; Sess: Raġel	Ministru għall-Edukazzjoni. Maħtur f’Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2020
299.	Ahmad SAYYED (magħruf ukoll bħala Alsyed, al-Sayyed, al-Sayed) (أحمد السيد)	Data tat-twelid: 1965; Post tat-twelid: Quneitra, is-Sirja; Sess: Raġel	Ministru għall-Ġustizzja. Maħtur f’Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2020
300.	Tammam RA’AD (a.k.a; Tamam; Raad) (تمام رعد)	Data tat-twelid: 1965; Post tat-twelid: Al-Qusayr, is-Sirja; Sess: Raġel	Ministru għar-Riżorsi Idrawliċi. Maħtur f’Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2020
301.	Kinan YAGHI (magħruf ukoll bħala Yagi) (كنان ياغي)	Data tat-twelid: 1976 Post tat-twelid: Il-kampanja ta’ Salmiya, Hama, is-Sirja; Sess: Raġel	Ministru għall-Finanzi. Maħtur f’Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2020
302.	Zuhair KHAZIM (زهير خزيم)	Post tat-twelid: Ain al-Tinah, is-Sirja Sess: Raġel	Ministru għat-Trasport. Maħtur f’Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.”	16.10.2020

II. Fit-Taqsima A (Persuni) tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012, l-entrati li jikkonċernaw il-persuni li ġejjin huma sostitwiti kif ġej:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"56.	Ali (علي) Abdullah (عبدالله) (magħruf ukoll bħala Abdallah) AYYUB (أيوب) (magħruf ukoll bħala Ayyoub, Ayub, Ayoub, Ayob)	Data tat-twelid: 1952 Post tat-twelid: Lattakia, is-Sirja; Sess: raġel	Viċi President tal-Kunsill tal-Ministri u Ministru għad-Difiża. Maħtur f'Jannar 2018. Uffiċjal fil-grad ta' Ġeneral fl-Armata Sirjana fil-kariga wara Mejju 2011. Eks Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati Sirjani. Persuna li tappoġġa r-reġim Sirjan u responsabbli għar-repressjoni ta' u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	14.11.2011
109.	Imad (عماد) Mohammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammed) Deeb (ديب) KHAMIS (خميس) (magħruf ukoll bħala Imad Mohammad Dib Khamees)	Data tat-twelid: 1.8.1961; Post tat-twelid: viċin Damasku, is-Sirja; Sess: raġel	Eks Prim Ministru u eks Ministru għall-Elettriku. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.3.2012
178.	Nizar Wahbeh YAZAJI (magħruf ukoll bħala Nizar Wehbe Yazigi) (نزار وهبه يازجي)	Data tat-twelid: 1961; Post tat-twelid: Damasku, is-Sirja; Sess: raġel	Eks Ministru għas-Saħħa. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	21.10.2014
180.	Ahmad AL-QADRI (أحمد القادري)	Data tat-twelid: 1956; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Agrikoltura u r-Riforma Agrarja. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	24.6.2014
190.	Hussein ARNOUS (magħruf ukoll bħala Arnus) (حسين عرنوس)	Data tat-twelid: 1953; Post tat-twelid: Idleb, is-Sirja; Sess: raġel	Prim Ministru. Maħtur f'Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	24.6.2014
217.	Atef NADDAF (عاطف نداف)	Data tat-twelid: 1956; Post tat-twelid: Il-kampanja ta' Damasku, is-Sirja; Sess: raġel	Eks Ministru għan-Negozju Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	14.11.2016
218.	Hussein MAKHLOUF (magħruf ukoll bħala Makhluf) (حسين مخلوف)	Data tat-twelid: 1964; Post tat-twelid: Lattakia, is-Sirja; Sess: raġel	Ministru għall-Amministrazzjoni Lokali u l-Ambjent. Eks Gvernatur tal-Gvernorat ta' Damasku. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili. Kuġin ta' Rami Makhlouf.	14.11.2016

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
220.	Ali GHANEM (علي غانم)	Data tat-twelid: 1963; Post tat-twelid: Damasku, is-Sirja; Sess: raġel	Eks Ministru għaż-Żejt u r-Riżorsi Minerali. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	14.11.2016
222.	Mohammed (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammad) AL-AHMED (magħruf ukoll bħala al-Ahmad) (محمد الأحمد)	Data tat-twelid: 1961; Post tat-twelid: Lattakia, is-Sirja; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Kultura. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	14.11.2016
223.	Ali HAMOUD (magħruf ukoll bħala Hammoud) (علي حمود)	Data tat-twelid: 1964; Post tat-twelid: Tartus, is-Sirja; Sess: raġel	Eks Ministru għat-Trasport. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	14.11.2016
224.	Mohammed Zuhair (magħruf ukoll bħala Zahir) KHARBOUTLI (محمد زهير خـربوطلي)	Post tat-twelid: Damasku, is-Sirja; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Elettriku. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	14.11.2016
225.	Maamoun (magħruf ukoll bħala Ma'moun) HAMDAN (مأمون حمدان)	Data tat-twelid: 1958; Post tat-twelid: Damasku, is-Sirja; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Finanzi. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	14.11.2016
229.	Abdullah ABDULLAH (عبدالله عبدالله)	Data tat-twelid: 1956; Sess: raġel	Eks Ministru tal-Istat. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	14.11.2016
230.	Salwa ABDULLAH (سـلوى عبدالله)	Data tat-twelid: 1953; Post tat-twelid: Quneitra, is-Sirja; Sess: mara	Ministru għall-Affarijiet Soċjali u x-Xogħol. Maħtura f'Awwissu 2020. Eks Ministru tal-Istat. Bħala Ministru tal-Gvern, tikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	14.11.2016
231.	Rafe'a Abu SA'AD (magħruf ukoll bħala Saad) (رافع أبو سعد)	Data tat-twelid: 1954; Post tat-twelid: ir-raħal ta' Habran, il-provinċja ta' Sweida, is-Sirja; Sess: raġel	Eks Ministru tal-Istat. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	14.11.2016
239.	Hisham Mohammad Mamdouh AL-SHA'AR (هشام محمد ممدوح الشعار)	Data tat-twelid: 1958; Post tat-twelid: Damasku, is-Sirja; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Ġustizzja. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	30.5.2017

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
277.	Imad Muwaffaq AL-AZAB (عماد موفق العزب)	Data tat-twelid: 1970; Post tat-twelid: Il-kampanja ta' Damasku, is-Sirja; Sess: raġel	Eks Ministru tal-Edukazzjoni. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	4.3.2019
281.	Mohammad Maen Zein Jazba AL-ABIDIN (magħruf ukoll bħala Mohammad Maen Zein Jazba Al-Abidin) (محمد معن زين العابدين)	Data tat-twelid: 1962; Post tat-twelid: Aleppo, is-Sirja; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Industrija. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	4.3.2019"